# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum il-21 ta' Jannar 2021**

Appell numru 34 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Mario GRIXTI**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-24 ta' Jannar 2018 fil-konfront ta' **Mario GRIXTI** karta tal-identità bin-numru 649861M li ġie mixli talli bejn is-7 ta' Lulju għall-ħabta ta' 2300 sat-8 ta' Lulju 2017 għall-ħabta ta' 0200; bejn it-8 ta' Lulju 2017 għall-ħabta tas-0200 u bejn it-8 ta' Lulju 2017 u d-9 ta' Lulju 0200 fil-fond fl-isem Palazzo Nobile li jinsab fi Triq San Filep f't'Alla u Ommu, n-Naxxar ħaddem jew ġiegħel jew ippermetta li jitħaddem loud speaker jew gramafon jew amplifikatur jew apparat ieħor simili jew ġiegħel jew ippermetta li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li dejqu lil ġirien li joqgħodu fil-qrib.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat appellant ħati u kkundannatu għal multa ta' ħames mitt euro (€500).

3. Illi minn din is-sentenza Mario GRIXTI appella fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u tilliberah mill-akkuża miġjuba kontra tiegħu wara li saħaq is-segwenti : -

   (a) Ma nġabitx prova suffiċjenti li fid-dati indikati fl-imputazzjoni tabilħaqq tħaddem apparat li għandu l-effett ta' loudspeaker jew amplifikatur jew li ġie permess li jitħaddem minn GRIXTI jew li xort'oħra kien hemm storbju esaġerat u inaċċettabbli.

   (b) Li l-akkużat semmai li r-reat kien jirriżulta ma kellhiex tinħareġ kontra tal-appellant u dan peress li l-appellant kien wieħed mis-sidien ta' din il-villa u l-ġestjoni tan-negozju tagħha kienet fdata f'idejn Daniel Zahra u Simon Saliba. L-appellant itenni li huwa ma kienx preżenti fuq il-post u l-ġesturi tal-fond fil-jiem in kwistjoni kienu Zahra u Saliba. Ladarba l-proprjetarju ma kienx il-ġestur l-imputazzjoni kif dedotta ma setgħetx tirriżulta kontra tiegħu u b'hekk f'dan il-każ ma setgħetx tinstab ħtija kontra tiegħu. Semmai il-Prosekuzzjoni kellha tħarrek lil min kien qiegħed jiġġestixxi s-sala in kwantu kienu dawn li effettivament kellhom il-kontroll tas-sitwazzjoni u mhux l-appellant li l-anqas biss kien fuq il-post meta seħħ dan il-każ.

**Ikkunsidrat**

4. Illi r-reat imputat f'dan il-każ huwa regolat bl-artikolu 41(2) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u jippreskrivi s-segwenti :

   41. (2) Ħadd ma jista' –
   (a) fi triq, f'ħanut, jew f'post pubbliku ieħor; jew
   (b) f'kull bini ieħor,

   billi jħaddem jew iġiegħel jew iħalli lil min iħaddem loud speaker, gramofon, amplifikatur jew strument bħal dawn, jagħmel inkella jġiegħel jew iħalli li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqogħdu f'bini fil-qrib.

5. Din il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fil-jiem imsemmija jew f'xi wħud minnhom verament kien hemm tħaddim ta' Loud speaker jew amplifikatur jew strument bħal dawn li pproduċew ħsejjes qawwija li dejqu lil Joseph John Gerada li kien ġar tal-fond Palazzo Nobile.

6. Il-problema li din il-Qorti tara li tqum f'dan il-każ hija marbuta ma jekk l-appellant fil-fatt jistax, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ jitqies li huwa responsabbli għat-twettieq tar-reat de quo li mhux każ marbut ma liċenzjar jew nuqqas t'osservanza ta xi liċenzja.

7. Qabel xejn f'dan il-każ ma ġiex pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni f'liema kapaċita ġie mħarrek l-appellant. Din il-Qorti semgħet diversi drabi riferenza għalih bħala l-proprjetarju ta' Palazzo Nobile, iżda fl-istess waqt meta ġew eżebiti d-dokumenti a fol 15 sa 20 jirriżulta li Mario GRIXTI kien qiegħed iħallas il-liċenzja lil Kummissarju tal-Pulizija f'isem ta' kumpanija "G & Z Cons Ltd". Eżattament xi rwol kellu f'din il-kumpanija u x'jedd din il-kumpanija kellha fuq il-Palazzo Nobile ma ġiex soddisfaċentement ippruvat. Ġiet eżebita wkoll kopja ta' liċenza TL/B/74/95 a fol 20 mnejn

jirriżulta li Mario GRIXTI kien liċenzat għal bejgħ ta' xorb u li jżomm discos fi Tat-Targa Night Club, Tat-Targa T'Alla w'Ommu, l/o Naxxar. Ma hemm ebda riferenza għal Palazzo Nobile jew mhux.

8. Pero fi kwalunkwe każ, biex jiġi integrat dan ir-reat ma jeħtieġx li jkun hemm Palazz in kwantu l-fatti inkriminati jistgħu jitwetqu fi triq, f'ħanut, jew f'post pubbliku ieħor jew f'kull bini ieħor. Biss prova sikura dwar ir-rwol ta' Mario GRIXTI f'din it-triq, ħanut, bini jew post pubbliku hija meħtieġa.

9. Il-fatt li Mario GRIXTI huwa proprjetarju jew wieħed mill-proprjetarji tal-istabbiliment minn fejn ġew ġenerati l-ħsejjes qawwija fis-siegħat bikrin ta' filgħodu li dejjqu lil Joseph John Gerada jista' jkun rilevanti għal dan il-każ; u l-fatt li huwa biss il-proprjetarju ta' dan il-fond ma jeżoneraħx awtomatikament mir-responsabbilta għal dan ir-reat.

10. Dak li l-Liġi tipprojbixxi huwa li xi ħadd iħaddem jew iġiegħel jew iħalli lil min iħaddem loud speaker, gramofon, amplifikatur jew strument bħal dawn, jagħmel inkella jġiegħel jew iħalli li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqogħdu f'bini fil-qrib. Mill-provi prodotti ma jirriżultax pruvat li kien Mario GRIXTI li ħaddem jew ġiegħel li jitħaddem dan l-apparat. L-anqas ma jirriżulta pruvat li Mario GRIXTI ġiegħel jew ħalla li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqgħodu fil-qrib. Jekk xejn hemm prova sal-grad tal-probabbli li turi li huwa kien ta' struzzjonijiet lil Daniel Zahra nonche lil Simon Saliba li kienu jieħdu ħsieb il-ġestjoni materjali tal-lokal sabiex dawn il-ħsejjes ma jsirux.

11. Fil-fehma tal-Qorti f'każijiet bħal dawn li mhux każ marbut ma liċenzjar jew nuqqas t'osservanza ta xi liċenzja trid tiġi stabbilita r-rabta bejn il-persuna mixlija, il-fond jew lok li minnu jkunu qegħdin jiġu prodotti l-ħsejjes disturbanti kif ukoll il-fatt li jkun qiegħed isir dan l-użu ta' apparat akustiku disturbanti bl-opera tiegħu jew li huwa jkollu xi forma ta' kontroll fuq dak l-użu jew li almenu ma ħax prekawzjonijiet meħtieġa sabiex il-ħsejjes prodotti ma jkunux disturbanti.

12. F'dan il-każ ġie pruvat li għalkemm l-appellant setgħa kellu xi rabta mal-fond de quo bħala wieħed mill-proprjetarji, ma ġiex pruvat li huwa kien wieħed minn dawk li ħaddem l-apparat jew ippermetta li l-apparat akustiku jiġi mħaddem b'mod disturbanti. L-anqas ma ġie pruvat b'sikurezza li l-appellant kellu xi forma ta' kontroll fuq l-użu tal-apparat akustiku disturbanti jew li dan id-disturb seħħ bl-opera tiegħu jew li huwa kellu xi forma ta' kontroll fuq dak l-użu jew li almenu ma ħax prekawzjonijiet meħtieġa sabiex il-ħsejjes prodotti ma jkunux disturbanti.

13. Jekk xejn il-prova miġjuba sal-grad tal-probabbli f'dan il-każ kienet li l-appellant iddelega l-ġestjoni tal-fond de quo lil terzi persuni. Għalkemm dawn, *ex admissis*, kellhom jew suppost kellhom il-kontroll tas-sitwazzjoni, inkluż allura l-użu tal-apparat akustiku fuq il-post jew almenu xi forma ta' kontroll fuq dak l-użu u l-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex il-ħsejjes prodotti ma jkunux disturbanti dawn ma ġewx imħarkin - u dan minkejja li Daniel Zahra stess jgħid li l-appellant kien jgħidilhom sabiex iżommu mar-regoli.

14. F'dan il-każ, din il-Qorti jidhrilha li r-responsabbilta penali għal dan ir-reat kienet tistrieh fuq dawk li kellhom il-ġestjoni attiva u l-

kontroll effettiv fuq il-post tas-sitwazzjoni tal-ħsejjes prodotti – u mhux l-appellant. F’dan is-sens għalhekk it-tieni aggravju jimmerita li jiġi milqugħ.

## Deċide

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tilqa’ l-appell ta’ Mario GRIXTI, tħassar is-sentenza appellata u filwaqt li tiddikjara lil Mario GRIXTI mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu tilliberah minn kull imputazzjoni ħtija u piena.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***